# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tat-30 ta' Novembru 2001**

**Citazzjoni numru 2354/99 GC**

**Vassallo Builders Group Limited, gia' maghrufa bl-isem Vassallo Builders Limited**

**vs**

**Munro, Phillips and Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' erbat'elef tliet mija u tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm4332.65), bilanc minn somma akbar rapprezentanti valur ta' xoghlijiet ta' kostruzzjoni, landscaping u finishes fir-rear section development tal-Hotel Hyperion, fi Triq it-Turisti, Bugibba fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar, liema xoghlijiet gew ezegwiti ghas-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta;

Illi llum dan il-kreditu tas-socjeta' attrici kontra s-socjeta' konvenuta huwa kreditu, cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici jikkonkorru l-elementi preskritti fl-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' attrici, s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebdas eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba attrici ghall-hlas (Dok. "A");

Illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas inkluza ittra ufficjali datata 17 ta' Mejju 1999, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza tal-kawza bid-dispensa tas-smiegh taghha ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebdas eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba attrici ghall-hlas;

2. Tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erbat'elef tliet mija u tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm4332.65), bilanc minn somma akbar rapprezentanti valur ta' xoghlijiet ta' kostruzzjoni, landscaping u finishes fir-rear section development tal-Hotel Hyperion, fi Triq it-Turisti, Bugibba fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar, liema xoghlijiet gew ezegwiti ghas-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Mejju 1999 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment, u bl-imghax legal sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta rapprezentati ta' liema gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota' ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit illi l-azzjoni attrici hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li x-xoghlijiet in kwistjoni ma gewx kompletati mis-socjeta' attrici u illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ma huwiex dovut;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' cessjoni tat-3 ta' Ottubru 2000 li biha s-socjeta attrici cedit is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, izda zzomm ferma t-talba ghall-imghax legali u ghall-ispejjez gudizzjarji;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2001;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li s-socjeta konvenuta fil-mori tal-kawza hallset is-sorte. In effett permezz tal-imsemmija nota ta' cessjoni tat-3 ta' Ottubru 2000 is-socjeta attrici cedit is-sorte izda zammet fermi t-talbiet taghha ghall-imghax u ghall-ispejjez;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u in vista tar-rizultanzi hu opportun li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas kemm l-imghaxxijiet kollha relattivi kif ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza;

Ghal dawn il-motivi kollha:

In vista tan-nota ta' cessjoni tat-3 ta' Ottubru 2000 tastjieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sorte u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-imghaxxijiet kollha legali relattivi u thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.